



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Brussell, it-13 ta' Ottubru 2016

Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2015 tal-QEA
Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew (CONT)
Brussell, it-13 ta' Ottubru 2016

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) eca.europa.eu

Sinjura President,
Viċi President Georgieva,
Onorevoli Membri tal-Parlament Ewropew,

Huwa unur kbir għalija li nippreżenta r-Rapport Annwali 2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri din is-sena – l-ewwel sena tiegħi bħala President tal-Qorti u tabilħaqq l-ewwel xahar tiegħi f'din il-kariga.

Minn tmiem l-2015 'il hawn, ċerti avvenimenti qed jheżżu s-sisien tal-Unjoni Ewropea u, b'riżultat ta' dan, aħna dħalna f'perjodu ta' introspezzjoni. Il-mistoqsija fuq moħħ kulħadd hija: għalfejn hemm tant ċittadini li qed jagħtu daharhom lill-proġett Ewropew? Jien nemmen li parti mit-tweġiba għal dik il-mistoqsija hija li aħna – l-istituzzjonijiet Ewropej – tliċna, sa ċertu punt, il-fiduċja taċ-ċittadini tagħna. Fix-xhur u s-snin li ġejjin, sfida prinċipali għall-UE se tkun li tikseb lura dik il-fiduċja. U jien nemmen li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri se jkollha rwol importanti x'taqdi f'dak il-proċess. Għalhekk, matul il-minuti li ġejjin, nixtieq inħares 'il quddiem lejn dak li jeħtieġ isir kif ukoll inħares lura lejn dak li sibna fir-Rapport tagħna għall-2015.

Huwa ċar li jenħtieġ li ssir riforma. Iżda, irrispettivament mill-għamla li din ir-riforma tista' tiegħu, trid tkun mibnija fuq sisien finanzjarji sodi. Sew jekk l-UE jkollha 28 membru u sew jekk ikollha 27, il-governanza finanzjarja tajba se jkollha l-istess importanza. Fil-fehma tal-Qorti, hemm erba' elementi li huma partikolarment importanti.

L-ewwel nett, l-UE trid iżżomm kontinuità tajbin. In-nies lanqas biss tista' tibda tafdana jekk ma temminx li aħna qed nieħdu ħsieb flusha b'mod xieraq u li qed inżommu kont tajjeb ta' kif qed nagħmlu dan.

Il-kontinuità tal-UE għall-2015 tnejjew skont standards internazzjonali u jippreżentaw, fl-aspetti materjali kollha, stampa vera u ġusta. Għalhekk aħna stajna, għal darb'oħra, nagħtu opinjoni nadifa dwar l'affidabilità tagħhom.

Madankollu, l-ammonti ta' flus li għandhom jitħallsu fis-sena attwali u f'dawk futuri għadhom f'livell għoli ħafna. U l-Kummissjoni ma pproduċietx previżjoni tal-flussi tal-flus li tkopri s-7 sa 10 snin li ġejjin. Previżjoni bħal din tkun tippermetti li l-partijiet interessati jantiċipaw rekwiżiti futuri ta' pagament u prijoritajiet baġitarji futuri. Hija tkun tikkontribwixxi wkoll għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja. Il-previżjoni ta' pagament fuq terminu medju li saret mill-Kummissjoni hija pass fid-direzzjoni t-tajba.

It-tieni nett, l-UE trid tiżgura li r-regoli finanzjarji tagħha jiġu applikati b'mod korrett.

Il-flus li jidhru u joħroġu mill-baġit attwali tal-UE qed jiġu rreġistrati b'mod preċiż, iżda għadhom qed isiru wisq żbalji fl-infiq, l-aktar fl-Istati Membri. Il-livell ta' żball stmat, li jkejjel il-livell ta' irregolarità, huwa ta' 3.8 % għal pagamenti għall-2015. Dan, b'mod ġenerali, huwa simili għal snin reċenti iżda għadu ogħla mis-soll ta' materjalità tagħna ta' 2 %.

Aħna erġajna sibna l-ogħla livelli ta' żball stmati fl-infiq taħt "koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (5.2 %) u għal "kompetittività għat-ktabbir u l-impjiegi" (4.4 %). In-nefqa amministrattiva kellha l-aktar livell baxx ta' żball stmat (0.6 %).

L-aħbar tajba hija li l-azzjoni korrettiva meħuda mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u mill-Kummissjoni kellha impatt pożittiv fuq il-livell ta' żball stmat. Li kieku ma kienx hekk, il-livell kien ikun aktar minn 4 %.

U l-Kummissjoni tassew ipprovdiet valutazzjoni tal-impatt, għall-2015, li azzjoni korrettiva potenzjali jkollha fil-futur.

Iżda għalkemm il-Kummissjoni ħadet passi biex ittejjeb il-valutazzjoni tagħha tar-riskju u tal-impatt tal-azzjoni korrettiva, għad hemm lok għal titjib.

Jekk biżżejjed flus jiġu rkuprati biex il-livell ta' żball jitniżżel għal inqas minn tnejn fil-mija, dan ikun suċċess tassew. Iżda aħna nkomplu nemmnu li l-prevenzjoni hija aħjar mill-kura.

Kien ikun ħafna aħjar għall-kontribwent Ewropew li kieku, l-ewwel u qabel kollu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri nefqu aktar mill-flus b'mod xieraq minflok ma ħadu l-battikata u daħlu fl-ispiża biex jirkuprawhom wara li nstabu l-iżbalji.

Li kieku l-Kummissjoni, l-awtoritajiet fl-Istati Membri jew l-awdituri indipendenti għamlu użu mill-informazzjoni kollha li kienet disponibbli għalihom, kienu jkunu jistgħu jipprevienu, jew jaqdbu u jikkoreġu proporzjon sinifikanti tal-iżbalji qabel ma saru l-pagamenti korrispondenti.

Ir-riżultati tagħna jindikaw ukoll li hemm lok biex l-iżbalji jitnaqqsu billi jittejjeb it-tfassil tal-iskemi ta' nfiq.

Waħda mill-influwenzi prinċipali fuq il-livell ta' żball hija d-differenza fil-profilu ta' riskju bejn l-iskemi ta' rimborż, fejn l-UE tirrimborża l-ispejjeż għall-attivitajiet eliġibbli abbażi ta' dikjarazzjonijiet li jsiru mill-benefiċjarji, u l-iskemi ta' drittijiet fejn isiru pagamenti dment li ċerti kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati. Il-livell ta' żball għar-rimborż (5.2 %) huwa aktar minn darbtejn il-livell għad-drittijiet (1.9 %).

In-nies ma tistax tafda sistema li ma tifhimx. It-titjib tat-tfassil tal-iskemi ta' nfiq inaqqas l-iżball u jippermetti li n-nies tagħmel użu mill-iskemi b'kunfidenza akbar.

Sinjura President, onorevoli membri

Fi żmien meta ħafna ma jistgħux iqisu li l-prospertà hija xi ħaġa fatta, jeħtieġ li ċ-ċittadini tagħna jkunu jafu li kull euro li jintnefaq f'isimhom qed jintnefaq tajjeb mill-ewwel u b'mod li jġib l-aħjar riżultati.

Dan ifisser ukoll li għandu jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed fondi li jistgħu jiġu mmirati lejn prijoritajiet ta' politika maqbula, u li jibqa' biżżejjed fondi fir-riżerva biex inkampaw ma' kriżi. Bl-arranġamenti attwali, ma kienx faċli li dan isir.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-predeċessor tiegħi tkellem dwar il-ħtieġa għal "approċċ kompletament ġdid".

Għadu kmieni wisq biex ngħidu meta jew jekk dan huwiex se jsir realtà. Iżda diġà rajna l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-pjanijiet attwali ta' nfiq.

Din fiha għadd ta' proposti leġiżlattivi biex il-flessibbiltà baġitarja tittejjeb u biex ir-regoli finanzjarji jiġu simplifikati. Il-Qorti se tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-proposti fi żmien debitu.

Aħna nilqgħu l-iffukar fuq ir-riżultati li l-Kummissjoni Ewropea, għal darb'oħra, appellat għalih. Iżda d-dimensjoni li għadha nieqsa hija dik tal-valur għall-flus – u dan iwassalni għat-tielet element ta' governanza finanzjarja tajba.

Iċ-ċittadini tagħna jixtiequ u jeħtieġu jaraw l-UE tiggarrantixxi valur għall-flus. Huma jeħtieġu jħossu li qed jakkwistaw aktar minn dak li l-awtoritajiet nazzjonali proprji tagħhom kienu jkunu jistgħu jiksbu waħidhom.

Iżda l-proġetti tal-UE taw valur għall-flus fl-2015? L-oġettivi tagħhom kienu realistiki mill-bidu nett? L-ispejjeż involuti kienu raġonevoli – fejn it-terminu "raġonevoli" huwa ddefinit bi tqabbil ma' punt ta' riferiment ċar? Il-programm jew il-proġett kien aktar jew inqas għali milli kien ikun taħt livell differenti ta' gvern?

Dawn huma mistoqsijiet li għalihom ma jistax ikun hemm tweġiba sempliċi qabel ma jkunu stabbiliti l-arranġamenti ta' rapportar it-tajbin.

Din is-sena, aħna niġbdu l-attenzjoni għall-isfidi li l-Kummissjoni tiffaċċja fir-rappurtar dwar ir-riżultati tal-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont 2020.

F'Orizzont 2020, aħna sibna li għalkemm kien sar titjib meta mqabbel mas-Seba' Programm Kwadru, il-Kummissjoni kienet għadha limitata fl-abbiltà tagħha li timmonitorja u tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-programm. Jeħtieġ li r-rabtiet bejn l-10 prijoritajiet politiċi ġodda tal-Kummissjoni u l-qafas strateġiku ta' Ewropa 2020/Orizzont 2020 jiġu kkjarifikati aktar. Dan in-nuqqas ta' ċarezza jista' jkun qed jaffettwa wkoll attivitajiet oħra tal-UE.

Sar xi progress fl-indikaturi li l-Kummissjoni tuża biex tkejjel il-prestazzjoni, iżda għad hemm nuqqasijiet. Jeħtieġ ukoll li l-oġettivi ta' ġestjoni jiġu żviluppati aħjar mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni.

Għal darb'oħra, aħna nilqgħu l-appell li l-Kummissjoni għamlet fl-analiżi ta' nofs it-terminu biex isir rappurtar aktar sempliċi u aktar integrat dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit tal-UE.

Din hija ħaġa li ilna nirrakkomandaw għal bosta snin.

Aħna għidna wkoll li jenħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri meta l-valur għall-flus ma jinkisibx.

Jekk il-flus kollha jkunu ntnefqu skont ir-regoli u ġew kontabilizzati b'mod xieraq, bħalissa, kif inhum l-affarijiet, il-kwistjoni tintemm hawn. Iżda dan ma għandux ikun hekk.

Jeħtieġ li jkun hemm inċentivi reali biex jinkiseb il-valur għall-flus aktar milli sempliċement jintlaħqu l-miri ta' nfiq u ma jinkisrux ir-regoli.

Għaliex, anke jekk il-flus kollha jiġu kontabilizzati u r-regoli kollha jiġu segwiti, dan ma jggarantix li l-proġetti ffinanzjati mill-UE jwasslu valur għall-flus.

Jekk in-nies ma tkunx tista' tgħid jekk is-sistema hijiex qed taħdem tajjeb għalihom, aħna ma nistgħux nistennewhom jafdawha.

Jeħtieġ li huma jaraw riżultati tanġibbli kif ukoll ir-riżorsi li jkunu ntnefqu sabiex dawn jinkisbu. Jeħtieġ li din ir-relazzjoni – il-valur li jitwassal mill-infiq tal-flus – issir ħafna aktar ċara.

Sinjura President, onorevoli membri

Il-fiduċja tirrikjedi wkoll it-trasparenza u l-aċċertament, u dawn jirrappreżentaw ir-raba' element ta' governanza finanzjarja tajba.

Jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-pubbliku dwar il-ħwejjeġ li verament jgħoddu, u jeħtieġ li dak li jiġi rrapportat jiġi ċċekkjat b'mod xieraq u awditjat b'mod indipendenti.

Madankollu, l-użu dejjem akbar ta' strumenti finanzjarji, li la huma ffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE u lanqas ma huma awditjati minna, jippreżenta riskji akbar kemm f'termini ta' obbligati ta' rendikont kif ukoll f'termini tal-koordinazzjoni tal-politiki u l-operazzjonijiet tal-UE.

L-awditi tagħna mhux biss jipprovdu aċċertament indipendenti: jipprovdu wkoll opportunità biex isiru rakkomandazzjonijiet dwar kif il-governanza finanzjarja tal-UE tista' ssir aħjar.

Il-Kummissjoni taċċetta u timplimenta proporzjon għoli tar-rakkomandazzjonijiet tagħna.

Iżda minkejja li l-livell kumplessiv ta' għarfien dwar ir-rakkomandazzjonijiet li aħna nagħmlu lill-Istati Membri huwa raġonevoli, il-livell ta' segwitu formali jvarja ħafna. B'riżultat ta' dan, aħna naraw biss evidenza moderata ta' bidliet fil-politika u fil-prattika fil-livell nazzjonali.

Sinjura President, onorevoli membri, jeħtieġ li l-governanza finanzjarja tal-UE tittejjeb. L-UE trid tagħmel ir-riformi adatti u tagħmilhom fi żmien qasir.

Iż-żmien għad-deċiżjoni qed joqrob malajr. Aħna se nippreżentaw il-kummenti u s-suġġerimenti tagħna dwar il-proposti tal-Kummissjoni, u nistennew b'interess li niddiskutuhom f'aktar dettall.

Jekk aħna rridu noħolqu sistema finanzjarja tal-UE li tkun kapaċi tikseb mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini tagħna, jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu flimkien. Jien ninsab fiduċjuż li dan aħna nistgħu nagħmluh.